



Brussell, 7 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10497/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0210(COD)

CODEC 1035
PECHE 250
PE 77
CADREFIN 360

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2017/1004 - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-5 sat-8 ta' Lulju 2021)

I. VOTAZZJONI

Fis-6 ta' Lulju 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 6975/3/21 REV 3

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P9_TA(2021)0325

Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (06975/3/2021 – C9-0224/2021 – 2018/0210(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06975/3/2021 – C9-0224/2021),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Mejju 2018³,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁴ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0390),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) u l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2), l-Artikolu 195(2) u l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0222/2021),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

² ĠU C 110, 22.3.2019, p. 104.

³ ĠU C 361, 5.10.2018, p. 9.

⁴ ĠU C 116, 31.3.2021, p. 81.

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-risoluzzjoni;
4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa li tiġi avvanzata b'mod urġenti l-azzjoni dwar il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ekosistemi u tal-bijodiversità marini u kostali. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li l-indirizzar tat-telfien tal-bijodiversità, il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u/jew iż-żamma tagħhom f'kundizzjoni tajba jirrikjedu investiment pubbliku u privat sinifikanti fil-livell nazzjonali u Ewropew u li proporzjon sinifikanti tal-infiq tal-FEMSA jenħtieġ li jiġi investit fil-bijodiversità. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li l-Kummissjoni ser taħdem mal-Istati Membri, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-FEMSA 2021-2027, biex tilħaq l-ambizzjoni ġenerali tal-infiq fil-bijodiversità enfasizzata fil-premessa 15.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jibqgħu impenjati li jippruvaw jevitaw interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd fl-ambitu tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli billi jaħdmu favur it-tiġdid f'waqt tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokolli ta' implimentazzjoni tagħhom.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni aċċettat l-eliġibbiltà tal-investimenti abbord relatati mal-kontroll u mal-infurzar tas-sajd, kemm jekk obbligatorji kif ukoll jekk le, u għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-investimenti se jippermettu lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-FEMSA għall-kontroll u l-infurzar, biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament ta' Kontroll u regoli oħra tal-Politika Komuni tas-Sajd u biex itejbu b'mod sostanzjali l-kultura ta' konformità fis-settur tas-sajd. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistenna li - fil-kuntest tar-rieżami li għaddej tar-Regolament ta' Kontroll - il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-għodod ta' kontroll eżistenti u l-użu ta' teknoloġiji ġodda kif propost mill-Kummissjoni. Dan ifisser b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet intelliġenti għall-intraċċar u r-rapportar tal-qbid ta' bastimenti fuq skala żgħira, l-installazzjoni ta' sistemi għall-monitoraġġ kontinwu tal-potenza tal-magna, il-bidla għal sistemi ta' traċċabbiltà

kompletament diġitalizzati li jkopru l-prodotti kollha tas-sajd (friski, iffriżati u pproċessati), u l-introduzzjoni ta' sistemi obbligatorji ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod abbord bastimenti tas-sajd u abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, bħala l-uniku mezz effettiv biex tiġi kkontrollata l-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u l-qabda inċidentali u l-qabdiet skartati ta' speċijiet sensittivi.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tad-diffikultajiet li s'issa kien hemm biex tingħata għajjnuna mill-Istat għat-tiġdid tal-flotot fir-reġjuni ultraperiferiċi. Bil-ħsieb li jkun hemm żvilupp sostenibbli ta' dawk ir-reġjuni, il-Kummissjoni ser tagħmel hiliha biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-ġbir tad-data xjentifika meħtieġa biex jikkonformaw mal-kundizzjoni ta' eliġibbiltà stabbilita fil-linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat bil-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-linji gwida għall-eżaminazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura fir-Reġjuni Ultraperiferiċi.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-FEMSA 2021-2027, ser tħeġġeġ b'mod attiv lill-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-użu tal-miżuri inklużi fil-programmi tagħhom, b'mod partikolari skont l-Artikolu 25 (il-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi), biex tintlaħaq l-ambizzjoni ġenerali li jiġi pprovdut infiq annwali fl-ambitu tal-QFP biex jiġi indirizzat it-telfien tal-bijodiversità, jiġu protetti u restawrati l-ekosistemi u jinżammu l-ekosistemi f'kundizzjonijiet tajbin kif ġej: 7,5 % tal-infq annwali fl-ambitu tal-QFP għall-oġettivi tal-bijodiversità fis-sena 2024 u 10 % tal-infq annwali fl-ambitu tal-QFP għall-oġettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027. Il-Kummissjoni ser timmonitorja b'mod regolari l-livell ta' dan l-infq abbażi tan-nefqa eliġibbli totali ddikjarata mill-benefiċjarji lill-awtorità maniġerjali u fuq data sottomessa mill-Istat Membru. Meta l-monitoraġġ juri progress insuffiċjenti lejn l-ilħuq tal-ambizzjoni ġenerali, il-Kummissjoni ser tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-Istati Membri fil-laqgħa annwali ta' rieżami sabiex tadotta miżuri ta' rimedju, inkluża emenda tal-programm.